MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2011

Numru 8/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Johann Josef Montfort**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 8 tas-sena 2010 kontra l-akkużat Johann Josef Montfort, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta` Gunju tas- sena elfejn u sitta (2006) ghall- habta tas- saghtejn (2.00am) ta` filghodu gewwa Paceville, San Giljan fil- parkegg ta` hdejn id-diskoteka Axis, inqala argument verbali bejn l-akkuzat **JOHANN JOSEF MONTFORT** u certu Christopher Vella li dak il-hin kien flimkien ma shabu Stephanel Abdilla, James Grima u Joseph Digby. Waqt dan l-argument **JOHANN JOSEF MONTFORT** hareg mus mil-but tal-qalziet u beda jxejjer dan l-mus fid-direzzjoni ta`

Christopher Vella, James Grima u Stephanel Abdilla izda fortunatament ma laqathomx. X` hin ra hekk Joseph Digby mar biex iwaqqaf u jzomm lill- akkuzat **JOHANN JOSEF MONTFORT** milli jwegga lil shabu. **JOHANN JOSEF MONTFORT** armat bil-mus li kellu f`idejh**,** dolozament bil-hsieb li joqtol lill- Joseph Digby jew li jqieghdlu hajtu f`periklu car, tah diversi daqqiet f`partijiet vitali ta` gismu fosthom *stab wound* fiz-zaqq. Fil-fatt Joseph Digby minhabba d-daqqiet ta` mus li qala` minghand l-akkuzat sofra diversi griehi ta` natura gravi, intilef minn sensieh u kellu jigi rikoverat l-isptar. Fortunatament il-griehi gravi li garrab Joseph Digby ma ikkawzawx il-mewt minhabba l-kura u l-interventi kirurgici tat-tobba.

Illi b`ghemilu l-imsemmi **JOHANN JOSEF MONTFORT** sar hati ta` tentattiv ta` omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f`periklu car, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall- ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi **JOHANN JOSEF MONTFORT** hati ta` tentattiv ta` omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f`periklu car, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall- ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghal-piena ta` prigunerija minn seba` snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht c-cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta` dan l-Att tal-Akkuza u cioe` fl-erbgha u ghoxrin (24) ta` Gunju

tas- sena elfejn u sitta (2006) ghall- habta tas- saghtejn (2.00am) ta` filghodu gewwa Paceville, San Giljan fil-parkegg ta` hdejn id-diskoteka Axis, **JOHANN JOSEF MONTFORT**, kellu fil-pussess tieghu mus li jaqta u bil-ponta minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulziija. B`din l-arma hu ipprova joqtol lill- Joseph Digby.

Illi b`ghemilu l-imsemmi **JOHANN JOSEF MONTFORT** sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulzija kellu f`idejh jew fuqu mus, ta kull xorta ohra li jkun, b`xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi **JOHANN JOSEF MONTFORT** hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu f`idejh jew fuqu mus, ta kull xorta ohra li jkun, b`xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta.

Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta` multa ta` mhux izjed minn mijja u sittax il-ewro (116) ekwivalenti ghal hamsin(50) lira Maltin jew prigunerija ta` mhux izjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 13(1) u 19 tal- Kap 66 tal-Ligijiet ta` Malta u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi l-gurija b’8 voti favur u b’vot kontra sabu lil Johann Josef Montfort mhux hati ta’ l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-akkuza izda hati tar-reat kompriz u involut li kkaguna ferita gravi li setghet gabet perikolu tal-hajja jew ta’ debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew li ppenetrat kavita` tal-gisem b’dana li r-reat hu skuzabbli ghaliex ghalkemm agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu hareg barra mill-limiti mposti mill-ligi jew mill-awtorita` jew mill-bzonn, izda dan sar minhabba li hu kien inhasad, beza` jew twerwer.
Rat illi b’7 voti favur u b’2 voti kontra, jsibu lil Johann Josef Montfort hati tal-akkuza taht it-Tieni Kap tal-Att tal-akkuza.

Tiddikjara għalhekk lil Johann Josef Montfort, **mhux ħati** skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza **izda hati** :

1. talli fl-24 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tas-2.00 a.m. gewwa Paceville, San Giljan, kkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Digby, liema offiża ppenetrat kavita' tal-ġisem u dana bi strument li jaqta u bil-ponta, b'dana li r-reat hu skuzabbli ghaliex ghalkemm agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu hareg barra mill-limiti mposti mill-ligi jew mill-awtorita` jew mill-bzonn, izda dan sar minhabba li hu kien inhasad, beza` jew twerwer.

2. fl-24 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tas-2.00 a.m. gewwa Paceville, San Giljan, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu f`idejh jew fuqu mus, ta kull xorta ohra li jkun, b`xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w eżaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Franco Debono, li jinsabu kollha registrati.

Rat illi l-abbli prosekutur Dr, Maurizio Cordina rrimetta ruhu ghal fini tal-piena.

Ikkunsidrat;

Rat illi skond il-proviso tal-artikolu 227(d) tal-Kap. 9 il-htija fil-konfront ta' l-Ewwel Kap kif misjuba mill-gurati mhix soggetta ghal piena.

Rat illi skond il-fedina penali l-hati kien gia misjub hati ta' ksur tal-Ordinanza dwar l-Armi.

Għaldaqstant, wara li qieset dan kollu, inklużi kull sottomissjoni tad-difiża l-Qorti, wara li rat l-artikoli 13(1) u

19 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi Kap. 66 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-ħati Johann Josef Montfort għall-piena ta' xahar priġunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull żmien li hu għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn ir-reati biss, kif ukoll li jhallas is-somma ta' elfejn, mija w wiehed u sittin Euros u sitta w sittin centezmi (€2161.66) import ta' l-ispejjeż peritali, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skond il-ligi.

Tordna wkoll il-konfiska tal-arma mertu ta' dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------